

Brussell, 31 ta' Meju 2024
(OR. en)

10275/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0396(COD)

TRANS 248
CODEC 1343
IA 123

RAPPORT

| | |
|------------------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/ Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 6370/7/24 REV 7 |
| Nru dok. Cion: | 15200/23 + ADD 1 |
| Suġġett: | <p>Tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill (<u>Trasport</u>, Telekomunikazzjoni u Enerġija) tat-18 ta' Ġunju 2024</p> <p>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE fir-rigward ta' qafas ta' appoġġ għat-trasport intermodali tal-merkanzija u r-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu tal-iffrankar tal-kostijiet esterni u l-ġenerazzjoni ta' data aggregata</p> <p>– Rapport ta' progress</p> |

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-7 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq (minn hawn' il quddiem "id-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat") lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkompleta l-pakkett dwar l-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport tal-Merkanzija adottat f'Lulju 2023 fil-kuntest tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti biex tittejjeb il-prestazzjoni tat-trasport tal-merkanzija u jingħata kontribut biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika sal-2050.
3. Il-pakkett jinkludi wkoll proposta biex tiġi emendata d-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet għal ċerti vetturi tat-triq, proposta għal Regolament dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport ("CountEmissions EU") u proposta għal Regolament dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea.

4. Id-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat tippromwovi li temenda d-Direttiva attwalment fis-seħħ¹, bl-għan li tkompli tippromwovi l-bidla tat-trasport tal-merkanzija mit-triq għal modi aktar ekoloġiċi bħall-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-kostijiet esterni tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni.
5. Biex jinkiseb dan l-objettiv, il-proposta tistabbilixxi qafas ta' appoġġ ġenerali għall-użu ta' trasport intermodali mwettaq bis-sħiħ jew parzjalment fit-territorju tal-Unjoni. L-aktar importanti, hija tistabbilixxi inċentivi ddedikati biex tingħata spinta lill-kompetittività tat-trasport ikkombinat definit bħala subsett ta' trasport intermodali li jiffranka ċertu livell ta' kostijiet esterni.
6. Id-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat tippromwovi wkoll li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2020/1056 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija² (minn hawn 'il quddiem "eFTI"), sabiex il-pjattaformi tal-eFTI jkunu jistgħu jikkalkulaw il-kostijiet esterni u jiġġeneraw data aggregata għal monitoraġġ aħjar, u b'hekk jissostitwixxu d-dokumenti stampati.
7. Il-proposta hija t-tielet tentattiv biex tiġi emendata d-direttiva tal-1992, li hija meqjusa skaduta u limitata fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-proposti tal-Kummissjoni għal reviżjoni tal-att legali fl-1998 u fl-2017 ġew irtirati sussegwentement.

II. ĦIDMA FL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

8. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli. Fil-5 ta' Diċembru 2023, il-Kumitat TRAN ħatar lis-Sur Massimiliano Salini (PPE, IT) bħala relatur.
9. Fl-1 ta' Marzu 2024, il-Kumitat TRAN ippubblika dokument³ ta' ħidma b'rakkomandazzjonijiet mir-relatur.

L-abbozz ta' rapport tal-Kumitat TRAN ser jitressaq fil-leġiżlatura parlamentari l-ġdida.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' merkanzija bejn l-Istati Membri *ĠUL* 368, 17.12.1992, p. 38–42.

² Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija, *ĠUL* 249, 31.7.2020, p. 33–48.

³ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TRAN-DT-759727_MT.pdf

10. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fil-585 sessjoni plenarja tiegħu tal-14 ta' Frar 2024. Il-Kumitat tar-Regġuni adotta l-opinjoni tiegħu fil-159 sessjoni plenarja tiegħu, mill-31 ta' Jannar sal-1 ta' Frar 2024.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL

11. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks fid-19 ta' Novembru 2023 matul il-Presidenza Spanjola.
12. L-eżami fil-fond tal-proposta beda taħt il-Presidenza Belġjana. Il-Grupp ta' Ħidma kellu hdx-il diskussjoni bejn it-12 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju 2024 li rriżultaw f'seba' testi ta' kompromess. Fil-bidu tad-diskussjonijiet, il-Kummissjoni ċċarat il-komplementarjetà bejn il-proposta u r-reviżjoni proposta tad-direttiva dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet ta' ċerti vetturi wara mistoqsijiet imqajma minn diversi Stati Membri.

Definizzjoni ta' trasport ikkombinat (Artikolu 1c)

- *Iffrankar tal-kostijiet esterni b'40 %*

Il-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet u l-kummenti kienu bbażati fuq id-definizzjoni li għadha kif ġiet proposta ta' trasport ikkombinat, li titbiegħed b'mod sinifikanti mir-regoli attwali. Biex tikkwalifika bħala trasport ikkombinat (u b'hekk tkun eliġibbli għal miżuri ta' appoġġ iddedikati), operazzjoni tat-trasport intermodali jeħtieġ li tipproduċi mill-inqas 40 % inqas ta' kostijiet esterni (emissjonijiet ta' gassijiet serra, tniġġis tal-arja, korrimenti u fatalitajiet, storbju u konġestjoni) minn operazzjoni alternattiva bit-triq biss. Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kostijiet esterni hija prevista li tiġi stabbilita permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li juża l-valuri unitarji fil-Manwal dwar il-kostijiet esterni tat-trasport⁴ fl-edizzjoni aġġornata futura tiegħu.

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport, Essen, H., Fiorello, D., El Beyrouly, K. et al., *Handbook on the external costs of transport – Version 2019 – 1.1* (Manwal dwar il-kostijiet esterni tat-trasport – Verżjoni 2019 – 1.1), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020, <https://data.europa.eu/doi/10.2832/51388>

Filwaqt li xi delegazzjonijiet appoġġaw l-approċċ il-ġdid, oħrajn esprimew dubji dwar ir-raġunament tal-40 %, in-nuqqas ta' differenzjazzjoni tal-valuri tal-kostijiet esterni skont il-ġeografija nazzjonali u l-użu ta' att ta' implimentazzjoni. Ħafna delegazzjonijiet sabu d-definizzjoni kumplessa wisq u mhux trasparenti. Diversi Stati Membri ssuġġerew b'mod konġunt li jergġhu lura għad-definizzjoni bbażata fuq id-distanza mill-approċċ ġenerali tal-Kunsill tal-2018⁵ bħala punt tat-tluq.

- *Metodoloġija simplifikata ġdida*

Bi tweġiba għas-sejthiet għaċ-ċarezza u t-trasparenza, il-Presidenza, wara proposta minn delegazzjoni waħda, żviluppat metodu ta' kalkolu simplifikat ġdid u ssuġġeriet li jżied bħala anness għall-att bażiku. Il-formula kienet ibbażata fuq id-distanza tal-partijiet tal-vjaġġ differenti ta' operazzjoni intermodali u proporzjon bimodali bejn il-kostijiet esterni tat-trasport bit-triq u l-kostijiet esterni ta' kull mezz mhux bit-triq (ferrovija, passaġġi fuq l-ilma interni u trasport marittimu fuq distanzi qosra). Il-livell limitu ta' 40 % ta' ffrankar f'kostijiet esterni nżamm fil-proposta.

Minkejja li ħafna delegazzjonijiet apprezzaw l-isforz biex jinstab kalkolu simplifikat u ċar, il-proposta tal-Presidenza ma kellhiex biżżejjed appoġġ, speċjalment minn dawk id-delegazzjonijiet li kienu ssuġġerew li jmorru lura għad-definizzjoni fl-approċċ ġenerali tal-Kunsill tal-2018.

- *Proporzjon ta' partijiet tal-vjaġġ mhux bit-triq għal partijiet tal-vjaġġ bit-triq*

B'segwitu għall-kummenti fil-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza mbaġhad iffukat fuq soluzzjoni ġdida bbażata kompletament fuq id-distanza espressa bħala proporzjon bejn it-tul ta' partijiet mhux bit-triq għal partijiet tal-vjaġġ bit-triq, mingħajr ma tikkalkula l-kostijiet esterni iżda tiffrankahom b'mod impliċitu minħabba l-użu ta' partijiet tal-vjaġġ mhux bit-triq. L-emenda proposta tiddikjara li f'operazzjoni tat-trasport ikkombinat mill-inqas 50 % tad-distanza totali għandha tkun koperta minn modi ta' trasport mhux bit-triq.

Filwaqt li xi delegazzjonijiet sabu li d-definizzjoni l-ġdida hija pass fid-direzzjoni t-tajba, oħrajn esprimew tħassib li din tista' twassal għal partijiet tal-vjaġġ bit-triq twal ħafna.

⁵ ST 15147/18

- *Gżejjer u Stati Membri gżejjer*

Peress li l-kundizzjoni li tiddefinixxi t-trasport ikkombinat ġiet proposta li tinbidel minn livell limitu tal-iffrankar tal-kostijiet esterni għal mill-inqas 50% tal-parti(jiet) tal-vjaġġ ta' trasport mhux bit-triq, il-kompromess introduċa dispożizzjoni ġdida dwar il-gżejjer u l-Istati Membri gżejjer fl-Artikolu 1c(2)(b) u l-Artikolu 1b(8) biex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġu inklużi l-konnessjonijiet tal-merkanzija bejn il-gżejjer u l-Istati Membri gżejjer u l-kontinent. Din id-dispożizzjoni ġiet miżjuda mill-Presidenza fuq talba tal-Istati Membri kkonċernati.

Il-Grupp ta' Ħidma esplora diversi għażliet għal definizzjoni koerenti u effettiva tat-trasport ikkombinat u aktar ħidma ser tkun meħtieġa biex jinġabar biżżejjed appoġġ mid-delegazzjonijiet.

Pjattaformi tal-eFTI (Artikolu 3 emendat)

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi li l-organizzaturi tat-trasport ikkombinat jirreġistraw id-data fil-pjattaformi tal-eFTI qabel il-bidu ta' operazzjoni. Abbażi ta' dak l-input, il-pjattaformi tal-eFTI ser jagħmlu l-kalkoli meħtieġa għall-prova tal-konformità, u b'hekk jiddeterminaw l-eliġibbiltà ta' operazzjoni intermodali għall-miżuri ddedikati għat-trasport ikkombinat.

Ir-Regolament dwar l-eFTI jistabbilixxi obbligu fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jaċċettaw informazzjoni regolatorja disponibbli b'mod elettroniku mill-operaturi ekonomiċi (l-Artikolu 5). Madankollu, l-obbligu għall-operaturi ekonomiċi li jagħmlu disponibbli b'mod elettroniku informazzjoni regolatorja lill-awtoritajiet kompetenti huwa previst bħala inizjattiva possibbli wara rieżami tar-Regolament dwar l-eFTI sa mhux aktar tard mill-21 ta' Frar 2029 (l-Artikolu 16 tar-Regolament).

Matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, xi delegazzjonijiet appoġġaw l-użu tal-pjattaformi tal-eFTI f'konformità mal-obbjettivi dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija fl-Unjoni.

Madankollu, il-maġġoranza esprimew tħassib li l-pjattaformi għadhom mhumiex operazzjonali u opponew id-dispożizzjoni li, fil-fatt, tagħmel l-użu tagħhom obligatorju għall-operaturi tat-trasport ikkombinat.

Bi tweġiba għat-tħassib tal-Istati Membri, il-Presidenza pproponiet klawżola ta' rieżami u differiment tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

Ser tkun meħtieġa aktar ħidma biex jiġi definit l-użu tal-pjattaformi tal-eFTI, speċjalment fir-rigward tal-korrelazzjoni bejn it-traspożizzjoni tad-Direttiva u l-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-pjattaformi tal-eFTI.

Oqfsa ta' politika nazzjonali (Artikolu 3a)

L-Artikolu 3a jistabbilixxi obbligu fuq l-Istati Membri li jadottaw, jipubblikaw, jimplimentaw u jevalwaw oqfsa ta' politika nazzjonali għall-appoġġ tat-trasport intermodali u, b'mod partikolari operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat. Huwa jistabbilixxi wkoll mira ta' tnaqqis globali ta' mill-inqas 10% tal-kostijiet totali tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat fit-territorju tagħhom. Lista indikattiva mhux eżawrjenti ta' miżuri ta' appoġġ tiżdied f'anness.

Ħafna delegazzjonijiet opponew in-natura obligatorja tal-oqfsa ta' politika nazzjonali u esprimew dubji dwar il-mira relatata ta' tnaqqis ta' 10% tal-kost totali tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat.

It-test ta' kompromess tal-Presidenza adatta r-rekwiżiti għall-oqfsa ta' politika nazzjonali, u ddifferixxa l-adozzjoni tal-oqfsa ta' politika nazzjonali minn 24 għal 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Il-perjodu biex tintlaħaq il-mira ta' 10% ġie estiż minn 7 snin u 6 xhur għal 8 snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

Barra minn hekk, iddaħħal il-paragrafu 5a li skontu l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx miżuri ta' appoġġ għal parti ta' vjaġġ bit-triq li tkun fi tranżitu fit-territorju tagħhom mingħajr ma tgħabbi jew tħott merkanzija.

Eżenzjoni minn projbizzjonijiet matul tmiem il-ġimgħa, billejl u waqt il-vaganzi (Artikolu 9a)

Il-proposta tintroduċi eżenzjoni regolatorja ġdida għall-UE kollha mill-projbizzjonijiet nazzjonali tas-sewqan għall-vetturi li jwettqu l-partijiet tal-vjaġġ bit-triq tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma wrew li d-delegazzjonijiet huma maqsuma ħafna dwar din il-kwistjoni u jeħtieġ li ssir aktar ħidma.

Emendi ssuġġeriti oħra

Matul seba' kompromessi, il-Presidenza introduċiet diversi bidliet oħra għall-proposta tal-Kummissjoni b'rispons għall-kummenti tad-delegazzjonijiet. Dawn il-bidliet jinkludu, fost l-oħrajn:

- *It-titolu tad-Direttiva ġie emendat biex jispeċifika li l-qafas ta' appoġġ għat-trasport intermodali jinkludi "miżuri ddedikati għat-trasport ikkombinat tal-merkanzija".*

- *Id-definizzjoni ta' organizzatur tat-trasport ġiet miżjuda fl-Artikolu 1b(14).*
- *Ġiet miżjuda eċċezzjoni mir-rekwiżit għall-identifikazzjoni ISO tal-unitajiet tat-tagħbija intermodali għal vettura tat-triq jew unità li ma tistax tintrefa minn krejn ittrasportata bil-ferrovija, bil-passaġġi fuq l-ilma interni jew bil-baħar għall-parti mhux bit-triq tal-vjaġġ.*
- *Inżammet il-formulazzjoni oriġinali tal-Artikolu 2 mid-Direttiva tal-1992, peress li r-riformulazzjoni tagħha fil-proposta tal-Kummissjoni qajmet wisq mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni.*
- *Żdiedet il-kjarifika tal-prova ta' konformità fl-Artikolu 3(4) emendat.*
- *L-emendi proposti mibdula għar-Regolament dwar l-eFTI ġew inklużi biex jitqies il-kalkolu tas-sehem minimu ta' 50% ta' parti(jiet) tal-vjaġġ mhux bit-triq.*
- *Il-lista ta' taxxi fl-Artikolu 6(3) ġiet aġġornata fuq talba ta' diversi Stati Membri.*
- *Ir-referenzi fl-Artikolu 9 ġew aġġornati iżda nżammet il-formulazzjoni oriġinali, peress li r-riformulazzjoni li għadha kif ġiet proposta qajmet wisq mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni.*
- *Saru żidiet żgħar mal-lista indikattiva mhux eżawrjenti ta' miżuri ta' appoġġ fl-Anness II.*
- *Lista dettaljata ta' rekwiżiti ta' trasparenza dwar it-terminals ġiet miżjuda bħala l-Anness III, u b'hekk ġew revokati s-setgħat ta' implimentazzjoni delegati lill-Kummissjoni dwar dan il-punt.*
- *Il-punti ta' trażbord ġew miżjuda fil-premessa 6.*

IV. KONKLUŻJONI

13. Il-Coreper, wara l-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2024, jistieden lill-Kunsill biex jieħu nota tar-rapport bil-ħsieb tat-tnejjija ta' aktar progress fir-rigward tad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat.